MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 1/2006/1

**Albert Mizzi in rapprezentanza ta' Central Mediterrenean Development Corporation Limited**

**v.**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**<u>I PRELIMINARI</u>**

1. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza, fil-qosor, huma s-segwenti:

(a) Fil-25 ta' Frar 2005, il-Qorti ta' l-Appell iddecidiet kawza, (citazzjoni Nru. 356/97) fl-ismijiet **Kunsill Lokali Mellieha et v. Central Mediterrenean Development Corporation Limited et**. Din is-sentenza kienet

sfavorevoli ghall-imsemmija socjeta`, li minn issa 'l quddiem sejra tissejjah jew "CENMED" jew "is-socjeta` appellata".

(b) Fis-17 ta' Mejju 2005, CENMED ipproponiet ritrattazzjoni ta' l-imsemmiija kawza u kontestwalment ipprezentat rikors quddiem l-istess Qorti ta' l-Appell li bih talbet is-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza taghha tal-25 ta' Frar, 2005 ("is-sentenza impunjata").

(c) Fit-3 ta' Novembru 2005, dik il-Qorti cahdet l-imsemmija talba ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-25 ta' Frar, 2005.

(d) Fid-9 ta' Novembru 2005, CENMED ipprezentat "rikors ta' l-appell" li bih, *ai termini* ta' l-Artikolu 229(4) tal-Kap. 12, talbet lil din il-Qorti ta' l-Appell tikkonsidra mill-gdid l-imsemmija decizjoni taghha tat-3 ta' Novembru 2005, billi tirrevokaha u biex tilqa' t-talba taghha ghas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza msemmija.

(e) Ghat-trattazzjoni ta' dak l-appell, il-Qorti ta' l-Appell kienet komposta mis-Sinjorija Tieghu l-Prim Imhallef Dr Vincent De Gaetano, u l-Onorevoli Mhallfin Dr Anton Depasquale u Dr Alberto Magri. Dawn kienu l-istess Imhallfin li kienu ppronunzjaw id-decizjoni tat-3 ta' Novembru, 2005.

(f) Fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2005, CENMED talbet l-astensjoni ta' l-istess tlett Imhallfin ai termini ta' l-Artikolu 734(1)(d)(ii) tal-Kap. 12.

(g) F'dik l-istess seduta tal-14 ta' Dicembru 2005, dik il-Qorti ta' l-Appell cahdet din it-talba,

"Peress illi t-talba fir-rikors in kwistjoni sar allegatament taht l-Art. 229(4) tal-Kap. 12, it-talba ghall-astensjoni kif qed tigi issa maghmulha hija manifestament frivola u vessatorja u qed tigi respinta peress li mhux koncepibbli li talba ghar-rikonsiderazzjoni taht is-sub-artikolu (4) ta' l-imsemmi Art. 229 tal-Kap. 12 iggib maghha, necessarjament jew mod iehor, l-astensjoni jew rikuza tal-

gudikant jew gudikanti li jkun ta jew li jkunu taw il-provvediment li r-rikonsiderazzjoni tieghu tkun qed tintalab; anzi talba ghar-rikuza timplika proprju l-oppost u cioe` li jkun l-istess gudikant jew l-istess gudikanti li jirrikonsidra jew jirrikonsidraw dak il-provvediment."

(h) F'dik l-istess seduta dik il-Qorti semghet it-trattazzjoni ta' l-appell mid-difensuri tal-kontendenti, u l-appell gie deciz dakinhar stess b'sentenza li *inter alia* ddikjarat hekk:

"Rat l-Artikoli 229(4), 227 u 823 ta' l-imsemmi Kap. 12;

"Peress li l-provvediment ta' din il-Qorti tat-3 ta' Novembru 2005 jammonta ghal sentenza definittiva li ghaliha ma japplikawx id-diversi disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 229, izda japplika ghaliha l-Artikolu 227;

"Tiddikjara r-rikors irritu u null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu. Spejjez ta' dawn il-proceduri a karigu tas-socjeta` rikorrenti."

2. Fit-2 ta' Jannar 2006, CENMED bdiet l-odjerna procedura quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) li biha hija allegat li hija sofriet vjolazzjoni tad-dritt fondamentali taghha ghal smigh xieraq billi l-appell imsemmi deciz fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2005, ma giex ikkonsidrat u deciz minn Qorti imparzjali kif hemm provdut fl-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ("il-Konvenzjoni"). CENMED ghalhekk talbet li dik il-Qorti taghtiha dikjarazzjoni f'dan is-sens u inoltre talbitha li *previa* li tordna l-kancellament tad-decizjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell tat-3 ta' Novembru 2005, u tal-14 ta' Dicembru 2005, tawtorizza s-smigh mill-gdid ta' l-appell taghha tad-9 ta' Novembru 2005, kontra d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tat-3 ta' Novembru 2005, biex dan isir minn Qorti imparzjali kif trid il-ligi u li taghti dawk ir-rimedji l-ohra opportuni u necessarji biex id-drittijiet taghha jkunu mharsa kif imiss.

3. L-Avukat Generali oppona din it-talba b'risposta pprezentata fid-9 ta' Jannar, 2006. Huwa ressaq tlett ragunijiet li gew spjegati minnu fl-istess risposta u li fil-qosor kienu dawn:
(1) illi mhux minnu li l-Qorti kif komposta ma kenitx Qorti independenti;

(2) illi mhux minnu li l-Qorti kif komposta ma kenitx Qorti imparzjali;

(3) illi l-Qorti ta' l-Appell imxiet b'mod korrett u skond il-ligi.

4. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili, wara li semghet lid-difensuri li wkoll ipprezentaw noti ta' osservazzjonijiet rispettivi taghhom in sostenn tat-tezijiet relattivi taghhom[1], iddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghall-10 ta' Ottubru, 2006.

5. Fl-10 ta' Ottubru 2006, dik il-Qorti tat is-sentenza taghha li biha laqghet it-tielet eccezzjoni ta' l-Avukat Generali - spejjez bla taxxa, wara li kkunsidrat *inter alia* hekk:
***"3. Kuncett ta' imparzjalita`***

"Fil-ktieb ta' Lester and Pannick ***Human Rights Law and Practice*** pagna 151 Butterworths edt. 1999 insibu l-kliem "impartiality for the purpose of article 6 denotes an absence of prejudice or bias." Ripetutament gie ritenut li Imhallef huwa prezunt imparzjali ghalkemm din il-prezunzjoni tista' tigi attakkata. Allegazzjoni ta' nuqqas ta' imparzjalita` ta' gudikant twassal ghal allegazzjoni jew li dak il-gudikant (jew gudikanti) ghandhom xi interess fl-ezitu tal-kawza taht kwalsiasi aspett kemm personali, professjonali jew ta' xi natura ohra jew li ghalkemm il-gudikant fil-fatt m'ghandux interess personali jkun hemm ***reasonable suspicion of bias*** fuqu. L-ewwel possibbilta` u cioe` ta' interess personali f'ezitu ta' kawza hija haga oggettiva izda dejjem trid tigi sostanzjata. Huwa ftit anqas car it-tieni kaz minhabba li f'dan l-ahhar kaz qieghed

[1] Ara fol. 17 sa 22 ghan-nota ta' osservazzjonijiet ta' CENMED u fol. 24 sa 38 ghan-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-Avukat Generali.

jintuza test suggettiv ghall-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni. Mhux necessarju fit-tieni kaz li jkun hemm ***a real likelihood of bias*** izda huwa sufficjenti li jkun hemm ***reasonable suspicion of bias***. Il-ligi taghna stess holqot ragunijiet ta' astensjoni u specifikathom fl-artikolu 733 et tal-Kap 12. Semmiet li gudikant ghandu jigi rikuzat jew jastjeni meta jkun qarib mid-demm jew miz-zwieg ta' wahda mill-partijiet jew ikun tutur, kuratur jew werriet prezuntiv ta' wahda mill-partijiet. Bl-istess mod ghandu jkun hemm l-astensjoni jekk ikun ta parir jew tratta quddiem il-Qorti jew kiteb dwar kawza jew kull haga ohra li ghandha x'taqsam mal-kawza. L-istess jinghad dwar jekk ikun hareg flus ghall-kawza, jekk ikun xehed, jew wahda mill-partijiet tkun bi hsiebha ssejjahlu bhala xhud u jekk hu jew il-mara tieghu jew ragel taghha jkollhom interess dirett jew indirett kif inqatghet il-kawza. Ukoll l-astensjoni hija applikabbli jekk l-avukat jew prokuratur legali jkun iben jew bint jew ir-ragel jew il-mara tal-Imhallef, kif ukoll jekk l-Imhallef, ir-ragel jew il-mara jkollhom kawza pendenti kontra xi wahda mill-partijiet f'kawza jew ikun kreditur jew debitur ta' xi parti mill-kawza. Imhallef jista' jigi rikuzat jew jastjeni jekk hu jkun tkellem fuq l-istess merti. Huwa ovvju li bicciet minn dak li ghadu kif issemma jwasslu ghal interess personali dirett tal-gudikant waqt li ohrajn joholqu ***a reasonable suspicion of bias*** li minhabba fih il-legislatur iddecieda li jsemmihom bhala ragunijiet ghaliex Imhallef jista' jigi rikuzat jew jastjeni.

"Hu importanti dak li ntqal fit-3 ta' Dicembru, 2001 fil-kawza deciza mill-High Court of justice (Chancery Division) fl-ismijiet **Bank of Credit and Commerce International vs Claimant (in compulsory liquidation) and Munwar Ali defendants and other former employees of BCCI**:

"“Courts in Scotland, South Africa and Australia have held that the test is not that of the real danger of bias, but one of reasonable suspicion or reasonable apprehension of bias see Doherty v McGlennan, 1997 SLT 444; Moch v Nedtravel (Pty) Ltd 1996 (3) SA 1 Webb v The Queen (1994) 181 CLR 41.”

"Ghalhekk diversi drabi ntuza t-test ta’ ***reasonable apprehension of bias*** (ara **Piersack v Belgium** (1982) 5 EHRR 169, **De Clubber v Belgium** (1984) 7 EHRR 236, **Hauschildt v Denmark** (1989) 12 EHRR 266, **Borgers v Belgium** (1993) 15 EHRR 92 u **Gregory v United Kingdom** (1997) 25 EHRR 577.

"Ripetutament gie ritenut li jekk il-fatti materjali “***gave rise to a legittimate fear that the judge might not have been impartial… then the decision of the judge must be set aside.***” Persuna normali u ben infurmata kienet tasal ghall-konkluzjoni li hemm possibbilta` reali li l-gudikant seta’ kien parzjali? Dan iwassal li dwar l-imparzjalita` sakemm ma jkunx hemm ligi li specifikament tittratta l-kaz in ezami bil-fors li kull kwistjoni trid tigi deciza b’referenza ghall-fatti partikolari ta’ kaz specifiku.

***<u>"4. Cachia vs Prim Ministru u l-Banda San Leonardo vs Malta:</u>***

Il-partijiet ghamlu referenza ampja ghas-sentenzi Frank Cachia vs Onorevoli Prim Ministru noe et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta’ Ottubru 1991 vol. LXXV pt. i sect i pagna 302 et kif ukoll ghad-decizjoni tal-Qorti ta’ Strasbourg fil-kaz ta’ St. Leonard Band Club vs Malta deciz fid-29 ta’ Lulju 2004.

"Fil-kaz ta’ Cachia vs Prim Ministru l-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat:

"“l-parti tal-artikolu 814 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili fejn jinghad “u jistghu joqghodu l-istess imhallfin jew magistrati” in kwantu jirreferu ghall-kaz ta’ ritrattazzjoni ta’ kawza ghar-raguni illi “is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin” imsemmija fil-paragrafu (e) tal-artikolu 811 tal-istess Kodici, hija inkonsistenti ma’ dak li jiddisponi l-artikolu 6(1) tal-konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-bniedem u Libertajiet Fundamentali msemmi fl-Ewwel Skeda li hemm ma’ l-Att tal-1987 dwar il-konvenzjoni Ewropeja in kwantu jipprovdi ghall-imparzjalita` tat-tribunali msemmijin fl-istess artikolu;”

"Fil-kawza St. Leonard Band Club vs Malta fil-parti konkluziva nghad:

*"“2. The Court's assessment*

"58. The Court reiterates that there are two tests for assessing whether a tribunal is impartial within the meaning of Article 6 § 1: the first consists in seeking to determine the personal conviction of a particular judge in a given case; the second in ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect (see, among other authorities, *Gautrin and Others v. France*, judgment of 20 May 1998, *Reports of Judgments and Decisions* 1998-III, pp. 1030-31, § 58, and *Thomann v. Switzerland,* judgment of 10 June 1996, *Reports* 1996-III, p. 815, § 30).

"59. As to the subjective test, the personal impartiality of a judge must be presumed until there is proof to the contrary (see, among other authorities, *Padovani v. Italy*, judgment of 26 February 1993, Series A no. 257-B, p. 20, § 26, and *Morel v. France*, no. 34130/96, § 41, ECHR 2000-VI). In the present case, nothing shows that the judges composing the bench of the Court of Appeal acted with any personal prejudice. This is not disputed by the parties.

"60. As to the second test, when applied to a body sitting as a bench, it means determining whether, quite apart from the personal conduct of any of the members of that body, there are ascertainable facts which may raise doubts as to its impartiality. In this respect even appearances may be of some importance. What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public (see *Castillo Algar v. Spain*, judgment of 28 October 1998, *Reports* 1998-VIII, p. 3116, § 45, and *Morel v. France*, cited above, § 42). It follows that when it is being decided whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular body lacks impartiality, the standpoint of those claiming that it is not impartial is important but not decisive. What is decisive is whether the fear can be held to be objectively

justified (see *Ferrantelli and Santangelo v. Italy,* judgment of 7 August 1996, *Reports* 1996-III, pp. 951-52, § 58, and *Wettstein v. Switzerland*, no. 33958/96, § 44, CEDH 2000-XII).

"61. In the instant case, the concerns regarding the Court of Appeal's impartiality stemmed from the fact that its bench was composed of the same three judges who had previously heard the merits of the case and adopted the impugned judgment of 30 December 1993.

"62. The Court accepts that that situation could raise doubts in the applicant company's mind about the impartiality of the Court of Appeal. However, it has to decide whether those doubts were objectively justified. The answer to this question depends on the circumstances of the case.

"63. In this connection, the Court observes that as regards the request for a retrial, the Court of Appeal was essentially called upon to ascertain whether its previous judgment of 30 December 1993 was based on a misinterpretation of the law. Thus, the same judges were called upon to decide whether or not they themselves had committed an error of legal interpretation or application in their previous decision, being in fact requested to judge themselves and their ability to apply the law.

"64. The Court notes that the present case is distinguishable from that of *Thomann*, invoked by the Government (see paragraph 52 above). In the latter, during the retrial proceedings new and comprehensive information was available to the judges, who were undertaking a fresh consideration of the whole matter and were not called upon to evaluate and determine their own alleged mistakes (see *Thomann v. Switzerland,* cited above, p. 816, § 35). In the instant case, the trial judges were called upon to assess and determine whether their own application of the law had been adequate and sufficient.

"65. These circumstances are sufficient to hold the applicant company's fears as to the lack of impartiality of the Court of Appeal to be objectively justified.

"66. There has accordingly been a breach of Article 6 § 1 of the Convention."

"Din il-Qorti kkwotat il-parti decisiva tas-sentenzi izda trid tinnota li fil-kawza ta' Cachia vs Prim Ministru l-bazi tar-ritrattazzjoni kienet l-artikolu 811(e) tal-Kap 12 u cioe` bazata fuq jekk is-sentenza li taw Imhallfin tkunx applikat il-ligi hazin u mhux dwar il-kazijiet l-ohra msemmija ghar-ritrattazzjoni taht l-811. Bl-istess mod fil-kaz tal-Banda San Leonardo vs Malta l-Qorti qalet "***that the Court of Appeal was essentially called upon to ascertain whether its previous judgement of 30th December 1993 was based on a misinterpretation of the law."*** Dan ifisser li l-Qrati sabuha iebsa li jhossu li ghandhom jibqghu l-istess Imhallfin meta jkun hemm allegazzjoni ta' applikazzjoni hazina tal-ligi minghajr ma jkun hemm ***new and comprehensive information available to the judges*** kif kien hemm fil-kaz ta' Thomann.

***<u>"5. Kap 12 artikolu 227 u 823(6)</u>***

"Wara li l-Qorti analizzat l-aspetti fuq imsemmija hu importanti li f'dan l-istadju fl-isfond ta' dak li ntqal tevalwa jekk fil-fatt kienx hemm vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent kif provvdut fl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Kap 318. L-Onorabbli Qorti tal-Appell qalet fid-decizjoni taghha tal-14 ta' Dicembru 2005 "peress li l-provvediment ta' din il-Qorti tat-3 ta' Novembru 2005 jammonta ghal sentenza definittiva li ghaliha ma japplikawx id-diversi dispozizzjonijiet tal-artikolu 229 izda japplika ghaliha l-artikolu 227;

"Tiddikjara r-rikors irritu u null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu…"

"Dan jaghmilha cara li l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma ezaminatx il-<u>kontenut</u> tar-rikors ***ut sic*** izda astjeniet milli tiehu konjizzjoni tieghu minhabba li fil-fehma taghha japplika dejjem l-artikolu 227 tal-Kap 12. L-imsemmi

artikolu jaghmilha cara li “M’hemmx appell mis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell” u ghalhekk jekk wiehed ihares biss lejn dan l-artikolu certament li jrid jaqbel mad-***decide*** tal-imsemmija Qorti. Meta wiehed ihares ukoll lejn l-artikolu 823(6) fuq citat josserva li l-ligi tipprovdi ghal appell minn sentenza li tichad it-talba ghat-twaqqif ta’ ezekuzzjoni tas-sentenza appellata u ***prima facie*** jista’ wiehed jasal ghall-konkluzjoni li dawn l-artikoli huma kontradittorji ghax wiehed jipprovdi li ma hemmx appell minn sentenzi tal-Qorti tal-Appell waqt li l-iehor jitkellem dwar l-appell minn sentenza dwar cahda tat-talba ghat-twaqqif tal-ezekuzzjoni. Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-interpretazzjoni logika ta’ dan kollu jwassal li l-appell imsemmi huwa possibbli biss meta tali sentenzi ma humiex dawk decizi mill-Qorti tal-Appell. Il-Qorti tasal li tghid li fid-dawl ta’ dak li ntqal fuq kieku wiehed ma kellux jadotta l-linja li ttiehdet f’din il-parti tas-sentenza seta’ possibbilment iwassal ghall-attakk tar-rikorrenti dwar l-imparzjalita` purche` dejjem il-punti involuti kienu jkunu dawk relevanti ghal applikazzjoni hazina tal-ligi. Fil-fehma tal-Qorti l-artikolu 227 huwa bl-aktar mod car u ma tistax taqbel mal-interpretazzjoni tar-rikorrent li attakka d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tal-14 ta’ Dicembru 2005 u bil-fors li dik il-Qorti kellha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors billi kien irritu u null u ghalhekk ma dahlitx fil-mertu tal-istess u per konsegwenza dak kollu li ntqal dwar l-aspett ta’ imparzjalita` ma jistax ikollu piz fuq it-talba odjerna tar-rikorrent. Il-Qorti tal-Appell fid-decizjoni tal-14 ta’ Dicembru 2005 ma kkunsidratx mill-gdid id-digriet taghha tat-3 ta’ Novembru 2005 kif kien kien talab ir-rikorrent nomine izda ma haditx konjizzjoni tieghu u konsegwentement il-lanjanza tar-rikorrent nomine ma tistax tirrizulta."

**<u>II L-APPELL</u>**

6. Billi CENMED hassitha aggravata minn din id-decizjoni, hija appellat minnha quddiem din il-Qorti b'rikors ta' l-appell ipprezentat minnha fit-18 ta' Ottubru, 2006. F'dan ir-rikors CENMED ressqet zewg aggravji, u wara li spjegathom hija talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka din is-sentenza appellata tal-10 ta' Ottubru 2006, u li ssib li kien hemm vjolazzjoni kemm ta' l-Artikolu 39(2) tal-

Kostituzzjoni ta' Malta u kemm ta' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

7. Dan l-appell gie oppost mill-Avukat Generali li bir-risposta tieghu pprezentata fl-24 ta' Ottubru 2006, wiegeb ghal-lanjanzi mressqa fir-rikors ta' l-appell ta' CENMED. Huwa sostna illi s-sentenza appellata kienet gusta u timmerita konferma u ghalhekk talab illi dik l-istess sentenza tigi kkonfermata u li t-talbiet tas-socjeta` appellanti jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

**<u>III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

8. Sostanzjalment CENMED qed tallega li l-Qorti ta' l-Appell, kif kienet komposta mit-tlett Imhallfin li taw id-decizjoni taghhom tal-14 ta' Dicembru 2005, ma kenitx Qorti imparzjali, u b'hekk qeghda tallega li ma kellhiex smigh xieraq, bi ksur ta' l-Artikoli 39(2) tal-Kosituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Mir-rikors promotorju tal-proceduri odjerni jirrizulta li CENMED mhix qeghda tinficja l-indipendenza ta' dawk l-istess tlett gudikanti izda qeghda tattakkahom biss fuq allegazzjoni ta' nuqqas ta' imparzjalita`. Huwa ghalhekk xieraq li l-Qorti tamplifika xi ftit dwar dan il-kuncett ta' l-imparzjalita`.

9. Hija haga evidenti li akkuzat jew litigant ma jistax ikollu smigh verament xieraq jekk id-decizjoni tinghata minn Qorti li tkun, jew li tidher li tkun, pregudikata kontrih. Tradizzjonalment, meta l-Qrati jigu biex jezaminaw u jiddeterminaw jekk hemmx, f'kaz partikolari, nuqqas ta' imparzjalita`, huma jezaminaw tali allegazzjoni taht zewg aspetti. L-ewwel test huwa dak soggettiv li bih il-konvinciment personali tal-gudikant li jkun qed jitratta kaz partikolari quddiemu, jigi ezaminat biex jigi stabbilit jekk dak il-gudikant kienx hieles minn pregudizzji personali kif ukoll jekk dak il-gudikant iqanqalx dubji legittimi dwar l-imparzjalita` tieghu. Imbaghad hemm it-test oggettiv, li jinvolvi li wiehed jiddetermina jekk dak il-gudikant joffrix verament garanziji sufficjenti li jeskludu kull dubju legittimu dwar l-imparzjalita` tieghu. Hawnhekk, huwa importanti, mhux biss il-garanziji ta' l-imparzjalita` nnifishom tal-gudikant, izda huma wkoll importanti l-apparenza ta' l-

imparzjalita`, li trid tkun tali li teskludi kull dubju legittimu dwar l-imparzjalita` ta' dak il-gudikant. Verament l-apparenza tan-nuqqas ta' l-imparzjalita` hija fiha nnifisha importanti u necessarja ghaliex minghajra difficilment tista' qatt tintrebah il-fiducja tal-pubbliku li f'socjeta` demokratika hija tant necessarja ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja. Ta' min itenni hawn il-kliem li qal Sir Igor Judge, president tal-Queen's Bench Division ta' England u Wales, waqt diskors li ta biex jigi mfakkar it-tielet anniversarju tal-Kumitat ta' l-Istudji Gudizzjarji ta' Malta fit-22 ta' Jannar 2007,
"It is an essential ingredient of our work that justice should be peformed impartially, and with the appearance of impartiality. We can underestimate the importance of the the importance of the appearance of impartiality. In terms of public confidence, however, perception is a critical factor, and as it was once said:

"The Judge who gives the right judgement while appearing not to do so may be thrice blessed in heaven but on earth he is no use at all.""

Meta wiehed ikun qieghed jivverifika jekk gudikant mexiex b'imparzjalita` jew le huwa importanti li wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-biza' jew is-suspett li akkuzat jew litigant jista' jesprimi fil-konfront ta' dak il-gudikant partikolari. X'jahseb il-litigant jew l-akkuzat f'dan is-sens huwa importanti izda certament mhuwiex deciziv. Dak li huwa deciziv huwa jekk dak is-suspett jew dik il-biza' tal-litigant jew ta' l-akkuzat kenux verament u realment gustifikati. Certament ukoll li, fl-ahhar mill-ahhar biex wiehed jistabbilixxi f'kaz konkret jew gudikant kienx imparzjali jekk le, wiehed ikun irid jezamina u jikkonsidra sew il-fatturi kollha li jistghu jixhtu dawl fuq dan l-aspett u kif dawn l-istess fatturi evolvew fil-process kollu kemm hu tal-kaz partikolari.

10. Huwa xieraq ghalhekk li din il-Qorti tindaga ftit aktar fil-fond fil-process u r-relattiv gudizzju li qieghed jigi impunjat b'dawn il-proceduri ghaliex ultimament dawn jifformaw il-veru isfond tal-kawza odjerna. Kif diga` ntqal, CENMED kienet sokkombenti f'decizjoni li nghatat fl-20 ta'

Frar 2005, fi stadju ta' l-appell. CENMED talbet ir-ritrattazzjoni ta' din il-kawza. Kontestwalment, fis-17 ta' Mejju 2005, hija talbet it-twaqqif ta' l-esekuzzjoni ta' l-imsemmija sentenza. Sabiex din it-talba setghet tintlaqa' mill-Qorti, CENMED kellha tottempera ruhha ma' zewg rekwiziti stabbiliti fl-Artikolu 823(2)(a) u (b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili Kap. 12, u cioe`:
(a) li flimkien mat-talba ghat-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza hija taghti garanzija tajba ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza fil-kaz li s-sentenza ma tigix imhassra bi procedura tar-ritrattazzjoni; u

(b) li jigi muri ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaguna pregudizzju akbar lil CENMED milli t-twaqqif ta' l-ezekuzzjoni tkun tikkaguna lill-parti kuntrarja.

11. Ir-rikors tat-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza gie quddiem il-Qorti ta' l-Appell komposta mill-istess tlett Imhallfin li kienu taw is-sentenza tal-20 ta' Frar, 2005. <u>F'dak l-istadju CENMED ma qajjmet l-ebda kwistjoni ta' rekuza</u> ta' l-istess Imhallfin li kellhom jiddeciedu jekk it-talba ghat-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza kellhiex tintlaqa' jew le. Fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2005, il-kontroparti ssollevat l-eccezzjoni tan-nullita` tar-rikors tas-17 ta' Mejju 2005, li bih CENMED talbet it-twaqqif ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza ghar-raguni li CENMED ma tatx kontemporanjament ma' l-istess rikors garanzija tajba fis-sens ta' l-imsemmi Artikolu 823(2)(a), izda tat biss garanzija ghall-ispejjez ta' l-istess procedura. Billi dan kien punt preliminari, dik il-Qorti, komposta mill-istess tlett Imhallfin iddecidiet din il-kwistjoni preliminarjament b'decizjoni moghtija fit-18 ta' Ottubru, 2005. Il-Qorti rriteniet li l-imsemmija eccezzjoni sollevata mill-kontroparti kienet infondata ghaliex il-fatt li sa dakinhar dik il-garanzija kienet ghadha ma nghatatx, u anqas inghatat mal-prezentata tar-rikors, dan ma jgibx in-nullita` tar-rikors in dizamina. Imbaghad il-Qorti kompliet hekk:
"6. Tenut kont ta’ dak li s-socjeta` Central Mediterranean Development Corporation Limited giet ordnata taghmel bis-sentenza li ghaddiet in gudikat fil-25 ta’ Frar 2005 – xoghlijiet estensivi li jirrikjedu kapital

konsiderevoli – din il-Qorti hi tal-fehma li jkun aktar gust u ekwu li, flok ma tiddeciedi fuq it-talba kif kontenuta fir-rikors illum, taghti zmien lis-socjeta` rikorrenti biex tottempera ruhha ma' dak kollu rikjest fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 823 imsemmi. S'intendi, jekk is-socjeta` rikorrenti tibqa' ma ggibx garanzija jew jekk din il-Qorti tkun tal-fehma li tali garanzija ma tkunx, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, wahda "tajba" ghall-finijiet u effetti kollha tal-imsemmi paragrafu (a), din il-Qorti ma jkollhiex alternattiva hlief li tichad it-talba odjerna, u dan indipendentement minn dak li jehtieg li jigi sodisfatt ukoll bil-paragrafu (b) ta' l-istess subartikolu – dwar liema paragrafu din il-Qorti ghall-mument mhix sejra tippronunzja ruhha.

"7. Konsegwentement takkorda lis-socjeta` rikorrenti sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn 24 ta' Ottubru 2005 zmien biex tottempera ruhha mal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 823 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u thalli r-rikors ghall-kontinwazzjoni – inkluzi sottomissjonijiet dwar l-idoneita` o meno tal-garanzija talvolta moghtija kif ukoll, jekk ikun il-kaz, sottomissjonijiet ulterjuri dwar il-paragrafu (b) fid-dawl ta' tali garanzija – ghal nhar it-Tlieta 25 ta' Ottubru 2005 f'nofsinhar."

12. Fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2005, CENMED pprezentat garanzija bankarja ghas-somma ta' mitt elf lira (Lm100,000) waqt li l-kontroparti pprezentat dokument li jinsab a fol. 27 tal-process, li kien jindika li l-ispejjez biex isiru x-xogholijiet in kwistjoni kienu jammontaw ghas-somma ta' erba' mija u hamsa u ghoxrin elf lira (Lm425,000). Billi l-Qorti giet rinfaccjata b'dawn iz-zewg tezijiet konfliggjenti, hija ddifferiet ir-rikors ghall-31 ta' Ottubru 2005, sabiex jixhed il-Perit Joseph Ellul Vincenti, u jghid jekk fil-fehma tieghu s-somma ta' mitt elf lira (Lm100,000) tkoprix l-ispejjez involuti fl-ezekuzzjoni tas-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Frar, 2005. Fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2005, ma sar xejn billi l-Perit Ellul Vincenti kien imsiefer. Ghalhekk il-kawza giet differita ghat-3 ta' Novembru, 2005.

13. Fit-3 ta' Novembru 2005, xehed il-Perit Joseph Ellul Vincenti (ara x-xiehda tieghu a fol. 32 sa 33 tal-process allegat). Dan il-perit bazikament xehed li biex issir ir-*road formation*, mitt elf lira (Lm100,000) kienu altru milli sufficjenti, izda biex isir l-asfaltar u r-*resurfacing* fuq it-toroq in kwistjoni, l-ispiza tilhaq mal-erba' mitt elf lira (Lm400,000).

14. Wara li xehed il-Perit Joseph Ellul Vincenti, il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Novembru 2005, jindika li, in vista tax-xiehda ta' l-istess perit, l-avukat ta' CENMED talbet zmien sabiex is-socjeta` rikorrenti tkun tista' taghti garanzija bankarja ghas-somma ta' erba' mitt elf lira (Lm400,000). Din it-talba giet michuda dakinhar stess b'digriet *ex tempore* li jaqra hekk:
"Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 823 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u wara li rat ukoll il-provvediment taghha tat-18 ta' Ottubru 2005, tichad it-talba."

15. Imbaghad il-Qorti, wara li semghet it-trattazzjoni ta' l-avukat tal-kontroparti, cahdet it-talba ta' CENMED kif migjuba fl-imsemmi rikors tas-17 ta' Mejju 2005, billi rriteniet hekk:
"Regghet rat ir-rikors tas-socjeta` Central Mediterranean Development Corporation Limited tas-17 ta’ Mejju 2005 ghat-twaqqif ta’ l-esekuzzjoni tas-sentenza tal-25 ta’ Frar, 2005;

"Rat il-provvediment taghha tat-18 ta’ Ottubru 2005;

"Semghet lill-Perit Joseph Ellul Vincenti fl-udjenza tal-lum;

"Rat l-Artikolu 823 tal-Kap. 12 u in partikolari l-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tieghu;

"Peress li l-garanzija migjuba mis-socjeta` rikorrenti, ossia garanzija bankarja ta’ Lm100,000, ma tistax titqies li hija garanzija tajba ghall-esekuzzjoni ta’ l-imsemmija sentenza li, skond l-imsemmi Perit, tinvolvi spejjez ta’ qrib l-Lm400,000;

"Tichad it-talba kif migjuba fl-imsemmi rikors tas-17 ta' Mejju 2005."

16. F'dan l-istadju CENMED eskogitat procedura nnovattiva u xejn konvenzjonali li bis-sahha taghha dehrilha li setghet terga' tqanqal mill-gdid il-kwisjtoni li kienet diga` giet deciza mill-Qorti ta' l-Appell bid-decizjoni tat-3 ta' Novembru 2005, fejn it-talba taghha ghat-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza kienet giet definittivament michuda. Biex ghamlet hekk injorat id-disposizzjoni kontenuta fl-Artikolu 227 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (li jistabilixxi li m'hemmx appell mis-sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell), hadet spunt mill-Artikolu 823(6) ta' l-istess Kodici

"appell minn sentenza li tichad it-talba ghat-twaqqif ta' esekuzzjoni tas-sentenza attakkata ma ghandu fl-ebda kaz jahdem bhala twaqqif ta' l-esekuzzjoni ta' din l-ahhar sentenza."

u ghamlet uzu mill-Artikolu 229(4) ta' l-istess kodici. Din id-disposizzjoni *inter alia* tipprovdi li fil-kaz ta' xi digrieti interlokutorji hemm specifikati, sakemm ma jkunx gie pprezentat rikors ta' appell, il-parti aggravata tista', b'rikors li jigi pprezentat fi zmien sitt ijiem mill-jum meta d-digriet ikun inqara bil-miftuh fil-qorti, titlob lill-Qorti li tkun tat id-digriet sabiex tikkunsidra mill-gdid id-decizjoni taghha.

17. Infatti a fol. 36 *et seqiutur* tal-process allegat, hemm rikors ta' CENMED intestat "rikors ta' l-appell" li fih, wara li saret referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tat-3 ta' Novembru 2005, intqal *inter alia* hekk:
"Illi l-esponenti jhossu serjament aggravat minn din il-provvediment u qieghed jinterponi dan l-umili appell skond l-Artikolu 229(4) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili sabiex din l-Onorabbli Qorti tikkunsidra mill-gdid id-decizjoni taghha u tirrevoka u tilqa' t-talba taghha ghas-sospensjoni."

Ir-rikors fih ir-ragunijiet kollha dettaljati li jsahhu t-talba sabiex il-Qorti terga' tikkunsidra mill-gdid id-digriet taghha tat-3 ta' Novembru 2006, u biex b'hekk tilqa' t-talba ghas-

sospensjoni tas-sentenza skond ir-rikors originali tas-17 ta' Mejju, 2005. Wiehed ma jistax ma josservax li stranament dan ir-rikors ta' CENMED huwa intestat "rikors ta' l-appell" meta s-subartikolu 4 ta' l-Artikolu 229 ta' l-imsemmi Kodici espressament jistabilixxi li dik id-disposizzjoni tista' tintuza' biss "sakemm ma jkunx gie pprezentat rikors ta' appell".

18. Dan "ir-rikors ta' l-appell" gie ghall-konsiderazzjoni quddiem il-Qorti ta' l-Appell komposta mill-istess tlett Imhallfin. Fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2005, l-avukat ta' CENMED talbet li jkun hemm l-astensjoni tal-Qorti kif komposta skond l-Artikolu 734(1)(d)(ii) tal-Kap. 12. Din id-disposizzjoni tistabilixxi raguni ghal rekuza jew astensjoni ta' Imhallef jekk il-kawza tkun diga` giet quddiemu bhala Imhallef jew bhala arbitriju:
"izda dan ma jghoddx ghal decizjoni, moghtija mill-Imhallef, meta ma tkunx qatghet definittivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas ghal sentenza li tehles *ab observantia."*

19. Din it-talba ta' CENMED giet respinta f'dik l-istess udjenza bhala wahda manifestament frivola u vessatorja ghaliex ladarba r-rikors kien qieghed isir skond l-Artikolu 229(4) tal-Kap. 12, l-istess talba ghar-rikonsiderazzjoni kienet timplika li jkunu l-istess gudikanti li jkunu taw il-provvediment li r-rikonsiderazzjoni tieghu tkun qeghda tintalab, li jikkunsidraw mill-gdid dak il-provvediment.

20. Fl-istess seduta tal-14 ta' Dicembru 2005, il-Qorti semghet it-trattazzjoni dwar dan "ir-rikors ta' l-appell" u ppronunzjat is-segwenti decizjoni:
**"Il-Qorti:**

"Rat ir-rikors (intestat bhala “rikors ta’ l-appell”) tas-socjeta` Central Mediterranean Development Corporation Limited (Cenmed) tad-9 ta’ Novembru 2005 li permezz tieghu l-imsemmija socjeta` talbet li din il-Qorti “terga’ tikkonsidra d-digriet taghha tat-3 ta’ Novembru 2006” permezz ta’ liema din il-Qorti cahdet it-talba ghas-sospensjoni ta’ l-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-25 ta’ Frar 2005 pendenti talba ghar-ritrattazzjoni; it-talba odjerna

qed issir, skond is-socjeta` rikorrenti, a bazi ta’ l-Artikolu 229(4) tal-Kap. 12;

"Semghet lid-difensuri tal-partjiet fl-udjenza tal-lum;

"Rat l-Artikoli 229(4), 227 u 823 ta’ l-imsemmi Kap. 12;

"Peress li l-provvediment ta’ din il-Qorti tat-3 ta’ Novembru 2005 jammonta ghal sentenza definittiva li ghaliha ma japplikawx id-diversi disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 229, izda japplika ghaliha l-Artikolu 227;

"Tiddikjara r-rikors irritu u null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu. Spejjez ta’ dawn il-proceduri a karigu tas-socjeta` rikorrenti."

21. Sostanzjalment, CENMED bil-proceduri odjerni qeghda tikkontesta din id-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tal-14 ta' Dicembru 2005, fuq il-motiv li ma nghatatx minn Qorti imparzjali bi ksur ta' l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Kif rajna, il-Qorti ta' l-ewwel grad laqghet it-tielet eccezzjoni ta' l-Avukat Generali billi rriteniet illi l-Qorti ta' l-Appell kienet imxiet b'mod korrett u skond il-ligi u ordnat li l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa.

22. Is-socjeta` appellanti CENMED ressqet ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti zewg aggravji. L-ewwel aggravju ta' CENMED jikkoncerna d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti fejn gie stabbilit li l-Artikolu 227 tal-Kap. 12 ghandu jipprevali fuq l-Artikolu 823(6) ta' l-istess kapitolu biex b'hekk appell skond l-Artikolu 823(6) huwa possibbli biss meta tali sentenzi ma humiex dawk decizi mill-Qorti ta' l-Appell. Is-socjeta` appellanti hassitha aggravata dwar din il-parti tad-decizjoni ta' l-ewwel Qorti ghaliex ir-rikors promotur ta' din il-procedura ma kienx intiz sabiex issir interpretazzjoni ta' l-Artikolu 823(6) izda kien intiz sabiex ikun hemm dikjarazzjoni illi l-fatt illi l-istess tlett Imhallfin kellhom jiddeciedu dwar fatt li diga` kienu ddecidew dwaru, illeda d-drittijiet fundamentali taghha.

23. Huwa veru li ma kienx strettament necessarju ghall-ewwel Qorti li tesprimi l-fehma taghha dwar l-interpretazzjoni korretta ghall-imsemmija artikoli tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Madanakollu meta l-ewwel Qorti dahlet f'din il-kwistjoni, dan evidentement ghamlitu biex turi li kienet tikkondividi d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tal-14 ta' Novembru 2005, u cioe` li l-procedura ta' l-appell adoperata minn CENMED kienet procedura skorretta skond il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Jirrizulta li t-tlett Imhallfin komponenti l-Qorti ta' l-Appell effettivament kienu astjenew milli jiehdu konjizzjoni tal-meritu "tar-rikors ta' l-appell" ta' CENMED billi huma ma kkunsidraw assolutament xejn dwar il-meritu tad-diversi ragunijiet li CENMED ressqet fl-istess "rikors ta' l-appell" u li kienu jsahhu t-talba taghha ghall-konsiderazzjoni mill-gdid tad-decizjoni tat-3 ta' Novembru 2005. B'hekk, meta l-istess tlett Imhallfin taw id-decizjoni taghhom tal-14 ta' Novembru 2005, huma ma kenux qeghdin jissindikaw l-operat precedenti taghhom stess, kif dan gie kristallizzat id-decizjoni taghhom tat-3 ta' Novembru 2005, izda dawn kienu qed jiddeciedu kwistjoni kompletament gdida cioe` kwistjoni legali u procedurali jekk il-mod ta' appell adoperat minn CENMED kienx wiehed previst u permess mill-imsemmi Kodici. Huma ddecidew li dik il-procedura kienet skorretta u zbaljata u ghalhekk astjenew milli jirrikonsidraw il-meritu "tar-rikors ta' l-appell" billi dan kien irritu u null. Ghalhekk l-ewwel aggravju ma jistax jintlaqa' bazikament ghaliex l-istess tlett Imhallfin ma tawx xi decizjoni li kienet titratta xi decizjoni precedenti taghhom.

24. It-tieni aggravju tas-socjeta` appellanti, jirrigwarda l-fatt li l-ewwel Qorti ddecidiet illi ".... li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ma ezaminatx il-kontenut tar-rikors *ut sic* izda astjeniet milli tiehu konjizzjoni tieghu...." Is-socjeta` appellanti tillanja li din id-decizjoni ma kenitx wahda ta' astensjoni, izda kienet decizjoni da parti tal-Qorti ta' l-Appell li ddisponiet mill-appell li kellha quddiemha.

25. Fil-fehma konsiderata tal-Qorti huwa veru li meta l-Qorti ta' l-Appell waslet ghad-decizjoni tal-14 ta' Dicembru 2005, "l-appell" ta' CENMED ma setax jimxi aktar 'il

quddiem. Madanakollu, dan sehh mhux ghax it-tlett Imhallfin iddecidew kwistjoni li tinvolvi l-meritu li kienet minnhom diga` giet deciza qabel, izda ghaliex huma ddecidew kwistjoni procedurali li kienet kompletament gdida u li kienet tolqot il-validita` o meno "tar-rikors ta' l-appell" intavolat minn CENMED. Differenti, naturalment, kien ikun il-kaz li kieku kien l-operat tal-gudikanti rikuzati stess li kien qed jigi sindikat.

26. Din il-Qorti wara li kkunsidrat akkuratament il-fatturi kollha li jistghu jinfluwenzaw il-materja ta' l-imparzjalita` taht diskussjoni waslet ghall-konkluzjoni li fil-kaz odjern ma giex ippruvat sodisfacentement li kien hemm periklu reali ta' nuqqas ta' imparzjalita` da parti ta' l-imsemmija tlett Imhallfin. Lanqas irrizulta li kien hemm verament l-apparenza ta' tali perikolu jew ta' xi suspett ragjonevoli u ta' pregudizzju da parti ta' l-istess tlett Imhallfin. Din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni mhux biss ghaliex iz-zewg aggravji li ressqet is-socjeta` appellanti ma hemmx lok li jintlaqghu izda wkoll ghal diversi konsiderazzjonijiet fosthom is-segwenti:
(a) CENMED ma opponietx li lill-istess tlett Imhallfin jiddeciedu l-kwisjtoni jekk ghandhiex tintlaqa' t-talba ghat-twaqqif ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza, precedentement moghtija minnhom stess.

(b) CENMED ma opponietx li l-istess tlett Imallfin jiddeciedu fuq l-eccezzjoni tal-kontroparti jekk ir-rikors ghat-twaqqif ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza kienx irritu u null billi flimkien mieghu CENMED ma kenitx gabet garanzija sufficjenti skond il-ligi.

(c) Il-gurament tal-kariga tal-gudikanti (ara Artikolu 10 tal-Kap. 12) kif ukoll id-disposizzjonijiet fuq ir-rekuza u l-astensjoni tal-gudikanti (ara Artikolu 733 sa 740 tal-Kap. 12) jipprovdu wkoll garanzija sufficjenti kontra suspetti ipotetici ta' nuqqas ta' imparzjalita` tal-gudikanti.

(d) Anke il-Kodici ta' Etika ghall-gudikanti mahrug mill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja huwa relevanti f'dan il-kuntest. Dan il-Kodici jistabilixxi gwida esplicita dwar l-oghla kriterji ta' imgieba etika korretta li

kull gudikant huwa obbligat li dejjem izomm quddiem ghajnejh u jsegwi fil-hajja tieghu ta' kuljum kemm gewwa l-Qorti u kemm barra din l-istituzzjoni. Fuq il-kwisjtoni ta' l-imparzjalita` tal-gudikanti ta' min isemmi s-segwenti regoli:-

"15. Il-gudikanti ghandhom jaqdu d-dmirijiet taghhom fid-dawl tal-kuxxjenza taghhom b'mod oggettiv bla biza', bla favuri u minghajr pregudizzji, u dan skond il-ligijiet u d-drawwiet tal-pajjiz.

16. Il-gudikanti ghandhom dover li fil-qadi ta' dmirijiethom iwarrbu kull pregudizzju u jiddeciedu l-kawzi oggettivament u unikament fuq il-meritu legali u fattwali taghhom.

17. Il-gudikanti ghandhom igibu ruhhom, kemm fil-Qorti u kemm ukoll barra l-Qorti, b'mod li ma jpoggux fid-dubju l-indipendenza u l-imparzjalita` taghhom jew ta' l-ufficju li jokkupaw.

23. Il-gudikanti ma ghandhomx joqoghdu f'kawza meta huma jkunu jafu li dwarhom hemm wahda mir-ragunijiet ta' rekuza li ssemmew fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew fejn ikun ovvju l-periklu jew pregudizzju ghal smigh xieraq, altrimenti huma ghandhom l-obbligu li jabdikawx mid-doveri taghhom."

27. Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata primarjament pero` ghar-ragunijiet kif minn din il-Qorti fuq esposti. L-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu a karigu tas-socjeta` appellanti Central Mediterrenean Development Corporation Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------